**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 1**

**IT-TNEJN, 7 TA FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:**

Biex il-Mulej jagħti d-dawl lill-mexxejja politiċi, ħalli jagħmlu għażliet li bihom jippromovu u jipproteġu l-familja mibnija fuq żwieġ b'saħħtu u feliċi.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-Miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista' jgħinhom.

1. Mulej, għin lill-Parlamentari u lill-Politiċi tagħna, u lill-familji tagħhom, li jagħmlu tant sagrifiċċji.
   ***Nitolbu.***

2. Għal-leġislaturi tagħna biex jagħmlu liġijiet u joħolqu strutturi li jiffavorixxu familji mibnija fuq iż-Żwieg. ***Nitolbu.***

3. Għall-Awtoritajiet ta' Pajjiżna, biex ma jiddejqux jagħtu xhieda fid-dinja tat-twemmin tagħhom fi żwieġ b'saħħtu. ***Nitolbu.***

4. Għal dawk li l-poplu għażel biex imexxuh, ħalli jħarsulu u jiżviluppawlu l-valuri li jemmen fihom, l-aktar tal-familja. ***Nitolbu.***

Spirtu Santu Alla dawwal l-imħuħ tal-mexxejja tagħna, biex fid-diskussjoniet u d-deċiżjonijiet ma jgħidu u ma jagħmlu xejn li jdgħajjef il-familja mibnija fuq iż-żwieġ, anzi jsaħħuha. Bi Kristu Sidna.

**Ammen.**

**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 2**

**IT-TLIETA, 8 TA' FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:**

Biex il-Mulej jagħti d-dawl lin-nies kollha konnessi mal-media, ħalli ma jkunux ta' tfixkil għall-fedelta' u l-

għaqda bejn il-miżżewġin, anzi jibnulhom ambjent favorevoli.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista' jgħinhom.

1. Dawwal Mulej il-kreattivita' ta' kull min jaħdem fil-media, biex jgħin fil-bini mill-ġdid ta' kultura favur iż-żwieġ u l-familja. ***Nitolbu.***

2. Dawwal l-imħuh tal-qarrejja, semmiegha u telespettaturi, biex ma jħallux il-mezzi tal-komunikazzjoni jkissrulhom iż-żwieġ u l-familja tagħhom, anzi jgħinuhom. ***Nitolbu.***

3. Dawwal Mulej lil kull min jirreaġixxi b'ittri u telefonati għal dak li jidher u jintqal fil-media, biex jagħti kontribut pożittiv favur iż-żwieġ u l-familja. ***Nitolbu.***

4. Dawwal Mulej lid-Diriġenti tal-Mezzi ta' Komunikazzjoni biex ma jqegħdux il-qliegħ u l-kobor tal-udjenzi l-prioritajiet tagħhom, imma l-verita', il-bniedem u l-familja. ***Nitolbu.***

Spirtu Ħallieq ta' Alla, għin il-bnedmin ikunu dejjem iżjed kreattivi. imma fuq kollox iżjed pożittivi, ħa jgħinu fil-bini mill-ġdid ta' soċjeta' mibnija fuq familji stabbli. Bi Kristu Sidna.
**Ammen.**

**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 3**

**L-ERBGĦA, 9 TA' FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:**

Biex il-Mulej jagħti d-dawl lil dawk kollha li resqin lejn iż-żwieġ, ħalli jitħeġġu bis-serjeta', kuraġġ u

entużjażmu,u jgħixu dil-vokazzjoni tant nobbli.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista' jgħinhom.

1. Għall-koppji kollha li resqin lejn iż-żwieġ biex jagħrfu jibnu relazzjonijiet serji u b'saħħtihom. ***Nitolbu.***

2. Għall-għarajjes kollha, biex ma jagħtux importanza żejda lill-ġurnata tat-tieġ b'dannu għal tħejjija serja għall-valuri u l-ħajja sħiħa taż-żwieġ. ***Nitolbu.***

3. Biex iż-żgħażagħ kollha tagħna jkollhom edukazzjoni sesswali solida, u jifhmu li l-aqwa ambjent għat-tarbija hu dak mogħti minn familja mibnija fuq iż-żwieġ. ***Nitolbu.***

4. Għaż-żgħażagħ kollha tagħna, biex jitħarrġu fis-sens ta' responsabbilta' u impenn, ħalli jibnu relazzjonijiet stabbli u permanenti. ***Nitolbu.***

Spirtu s-Santu Alla, dawwal iż-żgħazagħ tagħna, biex jagħrfu jużaw l-entużjażmu u l-inizjattiva tagħhom b'tali mod li jibnu relazzjonijiet moderni imam fuq prinċipji li ma jinbdlux. Bi Kristu Sidna.

**Ammen.**

**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 4**

**IL-ĦAMIS 10 TA' FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:**

Għall-Awtoritajiet Reliġjużi tal-Ġżejjer tagħna, biex jagħarfu jdawwlu r-realta' sabiħa tal-Familja mibnija fuq iż-Żwieġ, bid-dawl meraviljuż tal-Vanġelu, għall-ġid tas-soċjeta'.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista' jgħinhom.

1. Għall-Isqfijiet tagħna, biex jagħarfu jwasslu t-tagħlim sabiħ ta' San Pawl fuq iż-żwieġ lis-soċjeta' ta' llum. ***Nitolbu.***

2. Għall-Mexxejja reliġjużi tagħna biex dwar familja mibnija fuq iż-żwieġ, iżommu djalogu pożittiv ma' soċjeta' li mhux dejjem tifhimhom u taqbel magħhom. **Nitolbu.**

3. Biex il-Mexxejja Spiritwali tagħna ma jaqtgħux qalbhom minn mezzi ta' komunikazzjoni li ġieli jikkumplikawlhom il-messaġġ nisrani fuq żwieġ u familja. **Nitolbu.**

4. Għall-Knisja fil-Gżejjer tagħna biex tkompli tgħallem b'kull mezz is-sbuħija taż-Zwieġ kif fehmu Ġesu', u toħloq strutturi li jkomplu jħarsuh u jsaħħuh. **Nitolbu.**

Spirtu s-Santu, agħti esperjenza ġdida ta' Pentecoste lill-Knisja f'pajjiżna llum, biex tagħraf toħroġ mill-Knisja fis-soċjeta' u ddawwalha bid-dawl tal-vangelu. Bi Kristu Sidna.

**Ammen.**

**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 5**

**IL-ĠIMGĦA, 11 TA’ FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:**

Biex il-Mulej ikattar in-numru ta’ koppji mexxejja fil-korsijiet ta’ Kana, u ta’ counsellors u professjonisti oħra fl-istess Moviment u Movimenti oħrajn, u jimlihom bl-għerf u s-sens ta’ impenn f’dan l-apostolat.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma’ t-talb tagħna għall-miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista’ jgħinhom.

1. Żid, Mulej, in-numru ta’ voluntieri li jagħtu servizz ġeneruż u perseveranti, fil-qasam taż-żwieġ u l-familja. ***Nitolbu.***

2. Imla, Mulej, lil dawn il-benefatturi tal-familji tagħna, b’ħeġġa, b’kuraġġ, b’ottimiżmu u koperazzjoni bejniethom. ***Nitolbu***.

3. Għall-membri tal-Kummissjoni Djoċesana Familja, ProġettImpenn, Caritas, Kana, Grufan, Kummissjoijiet Parrokkjali Familja, u oħrajn, biex tberikhom u timlihom bi spirtu ta’ Servizz. ***Nitolbu.***

4. Għall-Aġenziji Appoġ, Sedqa, u oħrajn, biex igħinu lill-familji b’diffikulta’, b’imħabba u għaqal. ***Nitolbu.***

Spirtu Qaddis, li ġibt il-ftehim bejn Marija u Ġużeppi, meta mħabbithom kienet f’diffikulta’, ibgħat persuni mnebbħa minnek biex jaħdmu b’enerġija għall-ġid tal-koppji miżżewġa u għarajjes. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 6**

**IS-SIBT, 12 TA' FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:**

Biex il-Mulej jagħti għajnuna u dawl lill-miżżewġin bi sfidi speċjali ta' qgħad, mard, mewt, vizzju, fedelta' u fidi, u jsibilhom min jgħinhom b'ġenerożita' u mħabba.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista' jgħinhom.

1. Mulej, agħti l-għajnuna tiegħek lill-miżżewġin li fil-familji għadhom kemm ġarrbu l-mewt ta xi ħadd mill-għeżież tagħhom. ***Nitolbu.***

2. Agħti Mulej, l-għajnuna tiegħek lill-miżżewġin li qed jffaċċjaw problem ekonomiċi u soċjali, ta' qgħad, mard jew vizzji tagħhom jew ta' wliedhom. ***Nitolbu.***

3. Mulej, għin lill-koppji li għaddejjin minn problem ta' fedelta', u għinhom biex jaħru, jfittxu u jagħtu rikonċiljazzjoni. ***Nitolbu.***

4. Nitolbuk Mulej, għall-miżżwġin li tilfu l-gost tat-talb jew il-kuntatt regolari mieigħek, biex jerġgħu jiksbu l-ferħ tal-kumpannija u tat-tagħlim tiegħek. ***Nitolbu.***

Spirtu Qaddis, int Waħda mill-Persuni fit-Trinita' li hi tant magħquda. Agħti l-grazzja tal-għaqda, il-fedelta' u l-istabilita' lill-miżżewġin kollha. Bi Kristu Sidna.

**Ammen.**

## ĠIMGĦAŻWIEĠ - 7

# JUM IŻ-ŻWIEĠ NISRANI

Is-Sibt 12 u l-Ħadd 13 ta' Frar 2010

### A. Qabel il-Quddiesa

Ġesu' qalilna nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu. San Pawl qal lill-miżżewġin biex iħobbu lil xulxin kif Kristu ħabb il-Knisja, tant li ta lilu nnifsu għaliha. Ġesu', f'kull Quddiesa, anke din tal-lum, igħidilna: 'agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Jiġifieri 'ħobbu bħali, bla limiti, bla ebda kundizzjoni. Siru għal xulxin kif sirt jien għalikom: tqatta' u tiekol minni. U hekk tagħmlu tassew ma' xulxin patt li jibqa' għal dejjem. Kull Ewkaristija (Quddiesa) għandha ssaħħaħ lill-miżżewġin fl-għotja totali tagħhom lil xulxin, impenn li jidħlu għalih b'ruħhom u ġisimhom. Bla riżervi, bla kompromessi, bla ċediment. Illum li qed niċċelebrat Jum iż-Żwieġ Nisrani, nitolbu għall-miżżewġin insara kollha, biex iqiegħdu l-Ewkaristija fiċ-ċentru tal-ħajja tagħhom, u biex l-Ewkarstija tkun għalihom mudell ta' determinazzjoni u biex igħixu l-impenn tagħhom b'fedelta' u entużjażmu.

### B. Invokazzjonijiet għall-Att Penitenzjali

- Mulej, Int għidtilna li dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem - aħfrilna l-fatt li qed nibnu soċjeta' li tifred flok li tgħaqqad. Mulej ħniena.
- Mulej, Int li għedtilna li fejn ikun hemm tnejn jew tlieta miġbura f'ismek, hemm tkun int f'nofsna - aħfrilna l-fatt li naqqasna jew neħħejna għal kollox it-talb mill-familji tagħna. Kristu ħniena.
- Mulej, Int għedtilna li min jibni daru u l-famija tiegħu fuq il-Kelma tiegħek ikun qed jibni fis-sod, aħfrilna l-fatt li qed niġarru wisq minn mentalita' li mhix dik tiegħek. Mulej ħniena.

### C. Qabel jibda l-Qari

Ġesu' qalilna li min jisma' l-Kelma ta' Alla u jipprattikaha, jkun jixbaħ lil bniedem għaqli li bena daru, il-familja tiegħu, fuq il-blat: meta jiġu d-diffikultajiet, dik id-dar, dik il-familja ma tiġġarrafx. Min ma jibnix fuq ilKelma ta' Alla, jkompli Ġesu', ikun qed jibni fuq ir-ramel. Quddiem id-diffikultajiet, jiġġarraf, u jġarrab qerda kbira. Adam u Eva, ma bnewx fuq il-Kelma ta' Alla imma fuq it-tfesfis tax-xitan, u fuq is-sens komun tagħhom. U ġabu diżastru. Marija u Ġużeppi, anke jekk b'diffikulta', semgħu mill-Kelma ta' Alla, u

għelbu d-diffikultajiet kollha. Illum, waqt li nisimgħu s-siltiet mill-Bibbja, inġeddu r-rieda tagħna li nfasslu l-ħajja taż-żwieġ u tal-familja tagħna fuq il-Kelma ta’ Alla.

## D. Talbiet ta’ Interċessjoni

Ċelebrant: Il-Mulej għolla ż-żwieġ naturali għas-sbuħija ta’ Sagrament – jiġifieri wieħed mis-sinjali speċjali ta’ l-imħabba tiegħu għalina l-Insara. Ejjew nitolbuh il-grazzja li napprezzaw dan id-don, nibżgħu għalih, u nżommuh fid-dinjita’ li tixraqlu, għall-ġid ta’ kulħadd.

1. Għall-miżżewġin kollha ta’ pajjiżna, biex jgħixu l-impenji tagħhom taż-żwieġ b’fidi, b’fedelta u b’entużjażmu.

2. Għall-koppji kollha li għandhom diffikultajiet fir-relazzjoni ta’ bejniethom, biex ma jittraskurawx jitolbu l-ghajnuna ta' Alla u l-parir ta, min jista' jghinhom
3. Għal kull min għadda mill-esperjenza iebsa tal-firda, iktar u iktar jekk inġustament, biex isib is-sapport u l-komprensjoni tal-komunita’ nisranija.

4. Għall-koppji kollha li qed jitħejjew għaż-żwieġ nisrani, biex jagħmlu l-aħjar użu miż-żmien ta’ preparazzjoni, u jibżgħu għar-relazzjoni b’tali mod li ma jkollhomx għalfejn jibzgħu minnha.

5. Għal dawk kollha fil-knisja u fis-soċjeta’ li qed jaħdmu favur Żwieġ b’Saħħtu, biex jiżdiedu fin-numru u jikbru fil-ħeġġa, bla ma jaqtgħu qalbhom mid-diffikultajiet.

6. Għal dawk li direttament u indirettament qed itaqqlu l-fedelta’ u l-perseveranza ta’ bejn il-miżżewgin, biex tgħinhom jagħarfu r-responsabilta’ kbira li qed iġorru.

Ċelebrant: Mulej, Int ridt tfisser l-imħabba tiegħek lejna, propju billi ppreżentajthielna bħal l-imħabba tal-ħajja miżżewġa, Agħmel li l-miżżewġin insara, fl-imħabba tagħhom lejn xulxin, ikunu ta’ eżempju xieraq ta’ mħabba fidila u dejjiema. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## E. Talbiet ta’ Ringrazzjament

- Nirringrazzjawk Mulej, għal tant u tant koppji mizzewġin li qed jgħixu r-relazzjoni ta’ bejniethom b’impenn, qdusija, sagrifiċċju u generozita’.

- Nirringrazzjawk Mulej, għal tant saċerdoti u lajċi, li jaħdmu b’ħeġġa u konvinzjoni b’riżq it-tisħiħ taż-żwieġ f’pajjiżna, għal ġid tas-soċjeta’ kollha.

- Nirringrazzjawk Mulej, li f’pajjiżna għad għandna tant familji mibnija fuq żwieġ b’saħħtu, u tant għarajjes li għadhom iridu jibnu l-futur tagħhom fuq żwieġ nisrani.

**ĠIMGĦAŻWIEĠ - 8**

**IT-TNEJN, 14 TA' FRAR 2011**

**Intenzjoni għat-Talb:** Biex il-Mulej jagħi d-dawl lill-miżżewġin, ħalli lil uliedhom jagħtuhom trobbija li tiffavorixxi wkoll vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji.

Mulej, dil-ġimgħa nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-miżżewġin, għall-għarajjes, u għal kull min jista' jgħinhom.

1. Agħti Mulej, lill-miżżewġin, il-grazzja li jgħixu b'fedelta' il-vokazzjoni nobbli tagħhom biex minnha joħorġu wkoll vokazzjonijiet saċerdotali. ***Nitolbu.***

2. Għin Mulej, lill-miżżewġin tagħna, biex jgħaddu lill-uliedhom sens ta' vokazzjoni nisranija, tkun xi tkun il-linja li jieħdu fil-ħajja. ***Nitolbu.***

3. Agħti sens pastorali ġenwin lill-Kappillani u lis-saċerdoti l-oħra,biex izommu kuntatti pożittivi mal-familji, ħalli jgħinu wkoll fl-iskoperta ta' xi vokazzjoni reliġjuża. ***Nitolbu***.

4. Għall-ġenituri tas-Seminaristi u tas-Saċerdoti, biex tħallashom tas-sehem li kellhom fil-vokazzjoni reliġjuza ta' wliedhom, u għall-ġenituri tal-abbatini, biex jgħinuhom f'dil-linja*.* ***Nitolbu***.

Spirtu s-Santu, int li tfajt id-dawl u l-qawwa tiegħek fuq Ġużeppi u Marija, ġenituri ta' Ġesu', is-Saċerdot il-Kbir tagħna, qaddes lill-miżżewġin insara biex isiru għajn ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**